MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 39/2004/1

**Paul Vella**

**v.**

**Isabelle Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"Peress illi l-kontendenti zzewgu nhar il-Gimgha 6 ta' Awwissu 1999 (kif jidher minn kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u markat bhala dokument ittra "A");

"Peress illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

“Peress illi l-imsemmija Isabelle Vella rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ zewgha l-attur ta’ eccessi, mohqrija u offizi gravi, kif ukoll peress illi minhabba f’hekk iz-zwieg taghhom tkisser b’ mod irrimedjabbli;

“Peress illi l-konvenuta ghandha l-obbligu li tmantni lil zewgha attur u dan ukoll stante li huwa persuna minghajr xoghol fiss b’mod partikolari wara li waqa fi stat depressiv serju konsegwenti ghall-azzjonijiet u tortijiet ta’ martu konvenuta wara li telqet mid-dar matrimonjali, kif ukoll peress li l-istess Isabelle Vella ghandha xoghol fiss u redditizju fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin;

“Peress illi minhabba r-ragunijiet premessi, l-attur gie awtorizzat jipprocedi b’ din il-kawza permezz ta’ digriet moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Dicembru 2003 kopja tieghu annessa u markata bhala dokument ittra “B”.

“Tghid ghalhekk il-konvenuta, ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenuta inter alia ai termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“2. Tikkundanna lill-konvenuta, ghar-ragunijiet premessi, thallas retta alimentarja lill-attur ghall-htigijiet tieghu personali u dan billi din ir-retta alimentarja tigi stabbilita minn din il-Qorti b’ dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti u dan skond il-mezzi tal-konvenuta u l-htigijiet ta’ l-attur;

“3. Minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jezercita d-diskrezjoni moghtija lilha ai termini ta’ l-artikolu 52 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’ hekk tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili, billi tiddikjara li l-konvenuta tilfet: a. Il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kapitolu 16; b. Dak kollu li kisbet mill-attur b’ donazzjoni bi hsieb ta’ zwieg, jew waqt iz-zwieg, b’ titolu gratuwitu iehor;

c. Kull jedd ta' parti miz-zwieg ghal nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma ta' l-attur wara d-data li tkun stabbilita minn din il-Qorti li tkun id-data meta l-attrici ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda; d. Kif ukoll il-jedd li ggieghel lill-attur li jissomministra lilha l-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

"4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tikkonsenja lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss kwalunkwe oggett parafernali ta' l-attur u li jistghu jinsabu fil-pussess taghha, u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas lill-attur il-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;

"5. Suggett ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti dwar it-talba numru 3 hawn fuq imsemmija, tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni taqsamha u tassenjaha f' dawk il-porzjonijiet xierqa u li ghandhom jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendobin-nomina ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u jekk ikun mehtieg nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

"6. Tawtorizza lill-attur sabiex izomm kull jedd jew vantagg li huwa setgha kiseb minghand il-konvenuta ai termini ta' l-artikolu 53 tal-Kapitolu 16;

"7. Tiddikjara, tiddeciedi u tawtorizza lill-istess attur sabiex ikun jista' jirrisjedi fil-fond bin-numri 20/2, Presley Flats, Triq Romeo Romano, Santa Venera, ad eskluzjoni ta' martu konvenuta kif ukoll tordna li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 3A(2) tal-Kapitolu 16 ma japplikawx fil-konfront ta' l-attur u dan in applikazzjoni ta' l-artikolu 55A tal-Kapitolu 16;

"8. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa skond ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

"9. Tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
"1. Illi fil-mertu, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi z-zwieg tkisser b'tortijiet imputabbli unikament lill-attrici u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u fil-kors tal-kawza fl-ismijiet inversi;

"2. Illi l-ewwel talba ta' l-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero` illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti;

"3. Illi t-tieni talba ta' l-attur ghall-hlas tal-manteniment fil-konfront tieghu hija opposta;

"4. Illi t-tielet talba ta' l-attur hija opposta u bla bazi b'dana illi kien l-istess attur li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk m'hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur u di piu` l-attur ddekada minn porzjoni sostanzjali tal-gid komuni;

"5. Illi r-raba' talba ta' l-attur hija opposta *stante* l-fatt illi dawn l-oggetti parafernali ta' l-attur jinsabu u baqghu dejjem fil-pussess tieghu;

"6. Illi l-hames talba ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni a' l-akkwisti u t-talba ghan-nomina ta' kuratur m'humiex opposti b'dan pero` illi ghandu jigi ppruvat liema huma l-oggetti dotali jew parafernali ta' l-attur u b'rizerva fis-sens illi l-konvenuta m'hijiex fil-pussess ta' kwalunkwe gid ta' l-attur, b'riserva ulterjuri illi f'kaz illi l-attur jigi eventwalment dikjarat li ddekada mid-dritt tieghu fl-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-konvenuta, tali dekadenza tigi applikata fid-divizjoni eventwalment ordnata billi jigu identifikati l-oggetti hekk akkwistati wara illi fiha l-attur jigi misjub li kien hati tal-firda;

“7. Illi s-sitt talba u s-seba’ talba ta’ l-attur huma opposti u bla bazi lewgali u fattwali *stante* kien l-istess attur li gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghlahekk m’hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur.

“8. Salv eccezjzonijiet ohra.

Rat li fuq ordni ta’ l-ewwel Qorti, din il-kawza giet konnessa ma’ kawza ohra fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 21/04) bil-provi f’wahda jghoddu wkoll ghall-kawza l-ohra;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-30 ta’ Ottubru, 2007, li in forza taghha iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
“[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli liz-zewg partijiet;

“[2] tichad it-tieni talba, stante li z-zewg partijiet huma hatja tal-firda, kif ukoll peress li z-zewg partijiet jahdmu bi qligh;

“[3] tilqa’ t-tielet talba u tapplika fl-intier tieghu d-dispost ta’ l-artikolu 48 u ta’ l-artikolu 51 tal-Kap.16 fil-konfront taz-zewg partijiet;

“[4] tilqa’ ir-raba talba fis-sens indikat fis-sentenza precitata fis-sezzjonijiet intestati “Dar Matrimonjali, Qsim u Dejn [Dar Matrimonjali]” u tordna li jsir dak hemm stabbilit;

“[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens indikat fis-sentenza precitata u senjatament kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”; u tinnomina lin-Nutar Dr.Joseph Tabone indikat fl-istess sentenza biex jircevi l-att opportun u lill-Avukatessa Nadia B biex tidher ghall-eventwali kontumaci;
“[6] tichad is-sitt talba;

“[7] tichad is-seba talba;

“[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba stante li hija superfluwa;

“[9] tilqa’ d-disa’ talba;

“L-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma’ martu l-konvenuta ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-istess konvenuta li minn naha taghha fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet attribwiet it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom unikament lill-attur.

“Illi din il-Qorti taghmel referenza shiha ghall-provi kollha migjuba fil-kawza fuq indikata numru 21/04NC fl-ismijiet inversi, kif ukoll taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet kollha u l-konkluzzjonijiet raggjunti minnha fis-sentenza relattiva li nghatat illum.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Paul Vella li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti biex tvarja s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti billi:
“(a) tiddikjara illi r-responsabbilita` tal-partijiet m’hijiex wahda ugwali izda l-htija tal-firda hija unikament, jew fil-maggoranza, htija ta’ l-attura appellata u tapplika fil-konfront taghha l-Artikoli 48 u 51, filwaqt li tiddikjara li dawn m’humiex applikabbli fil-konfront ta’ l-attur appellant;

“(b) in vista tar-responsabbilita` tal-mara ghat-tifrik taz-zwieg u talba ta’ l-attur appellanti fuq maghmula, u peress li l-attura appellata **dejjem ippretendiet sehemha fi flus**, tiddikjara u tiddeciedi illi l-fond ma jinbieghx b’subbasta izda tawtorizza l-attur jibqa’ jirrisjedi fil-fond ad esklussjoni ta’ martu, jew tassenja l-fond lill-attur u tiffissa sehem l-attura appellata wara li jitqiesu d-djun fuq il-fond u l-pagamenti li ghamel u li ghadu qed jaghmel l-attur appellanti lill-Bank ghal home loan u insurances, u c-cens;

“(c) tiddikjara li l-flus u l-oggetti mobbli imsemmija fit-tielet parti tar-rikors ta’ l-appell maghmul minnu fil-kawza numru 39/04 NC jigu assenjati u jinghataw lilu;

“filwaqt li taghti dawk id-dikjarazzjonijiet ohra kollha li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, bl-ispejjez taz-zewg Istanzi kontra l-konvenuta appellata.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali ta’ l-attrici li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet lil din il-Qorti biex tichad l-appell tal-konvenut u wkoll sabiex tvarja in parte s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti riferribilment ghall-valur moghti lill-fond gia` matrimonjali “Elvis Presley Flats”, Flat 2, Triq Romeo Romano, Santa Venera, u minflok l-ammont stabbilit tordna li l-valur tal-fond ghandu jkun dak stabbilit mill-perit tekniku Vincent Ciliberti, cioe` ta’ Lm52,000 (€121,127.42), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant Paul Vella;

Rat ir-risposta ta’ Paul Vella ghall-appell incidentali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fir-rigward tal-valur tad-dar matrimonjali u tichad l-appell incidentali mressaq minn Isabelle Vella, bl-ispejjez kollha kontra Isabelle Vella;

Semghet lid-difensuri tal-partijieti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet li kienu zzewgu fis-6 ta’ Awwissu, 1999, mil-liema zwieg huma m’ghandhomx tfal. Wara erba’ snin li damu jghixu flimkien, il-konvenuta telqet ghal kollox mid-dar. Is-sena l-ohra l-konvenuta harget tqila minn relazzjoni li kellha ma’ ragel iehor.

Kif inghad, din il-kawza mxiet kontestwalment ma’ kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi (citaz. Numru 21/04) fejn ingabru l-maggor parti tal-provi u fejn inghatat is-

sentenza principali mill-ewwel Qorti, fis-sens li wara li tat il-motivazzjoni taghha, ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet bi htijiet indaqs, ordnat il-bjegh gudizzjarju tad-dar matrimonjali, u llikwidat u qasmet il-komunjoni ta’ l-akkwisti allura ezistenti bejn il-partijiet.

Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ittrattat u iddecidiet il-kwistjonijiet sollevati mill-partijiet fis-sentenza li tat illum stess fil-kawza l-ohra u, ghalhekk, ghal skans ta’ ripetizzjoni, taghmel riferenza ghall-motivazzjoni u s-sentenza taghha fil-kawza l-ohra, li ghandhom jitqiesu li jghoddu u japplikaw ukoll ghall-fini ta’ din id-decizjoni. Din il-Qorti, ghalhekk, tikkonkludi hawn ukoll li ma hemmx lok li tigi varjata s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti liema sentenza timmerita li tkun konfermata fl-interezza taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali ta’ l-attur u mill-appell incidentali tal-konvenuta billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi, waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu, kwantu dawk marbuta ma’ l-appell principali, mill-attur Paul Vella, waqt li dawk marbuta ma’ l-appell incidentali, mill-konvenuta Isabelle Vella.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------